MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 173/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nathaline Vella**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nathaline Vella talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda nhar-id 19 ta' Jannar 2011, nhar-it 23 ta' Jannar 2011, nhar-id 29 ta' Jannar 2011 u nhar-it 2 ta' Frar 2011, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex taghti access lil Mario Vella ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(ll), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Nathaline Vella hatja u kkundannatha gimgha detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Nathaline Vella pprezentat fit-30 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament/alternattivament, u biss f'kaz li din il-Qorti tichad l-aggravji dwar is-sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor (1) li hawn ma kienx kaz ta' rifjut min-naha ta' l-appellanti li taghti access izda rifjut da parti tat-tifel stess ta' sittax-il sena; (2) li jekk din il-Qorti jidhrilha li kien hemm rifjut da parti ta' l-appellanti, allura hemm raguni xierqa li kienet tintitola lill-appellanti tirrifjuta l-access – kienet fl-impossibilita` li twettaq dak stipulat fis-sentenza relattiva tal-Prim' Awla; (3) li, sussidjarjament, il-piena hi sproporzjonata, eccessiva u harxa.

**6.** L-appellanti qed tigi akkuzata li kkommettiet ir-reat kontemplat fl-artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min **"meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa"**. Skond sentenza fl-ismijiet **Nathalie Vella vs Mario Vella** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2003, ir-ragel ta' l-appellanti (il-konvenut f'dik il-kawza) inghata d-dritt ta' access ghall-minuri Redeemer Vella "kull nhar ta' Erbgha u l-Gimgha

bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m. u kull nhar ta’ Hadd bejn l-10.00 a.m. sas-6.00 p.m., b’dan li fir-raba’ gimgha ta’ kull xahar l-access minflok il-Hadd jigi ezercitat nhar ta’ Sibt fl-istess hinijiet.”

**7.** Mill-provi jirrizulta nkontestat li fil-granet imsemmija fic-citazzjoni, Mario Vella, ir-ragel ta’ l-appellanti, ma nghatax access ghat-tifel. Mario Vella stess jghid illi t-tifel kien itieh ragunijiet varji ghax mhuwiex sejjer, jew ghax qieghed il-bahar, jew ghax ghandu barbeque, jew ghax ma jiflahx, u gieli anke injorah. L-appellanti tghid li n-nuqqas mhuwiex min-naha taghha izda huwa t-tifel stess li ma jridx imur, u dan ghax waqt l-access ikun hemm il-*partner* ta’ missieru.

**8.** Issa, skond is-sentenza msemmija “[l-]access u kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi ezercitata minn kull parti kif hawn inghad bl-eskluzjoni ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma hijiex parti mill-familja tal-partijiet rispettivi”. Redeemer Vella kkonferma illi meta jmur ghall-access kien qed ikun hemm il-*partner* ta’ missieru u aktar jaghti kaz taghha milli tieghu. Ghalhekk iddecieda li ma jmurx aktar u qal b’din id-decizjoni lill-appellanti ommu. Huwa xehed li ommu qaltlu li “dak missierek u ibqa’ mur mieghu”, izda huwa kien determinat li ma jmurx. Lil missieru tah ir-raguni izda “ma jaghtix kaz”. Qal li kien ghamel rapport u wara missieru kien imur ghalih wahdu izda jiehdu d-dar u xorta jkun hemm il-*partner*.

**9.** Din il-Qorti kellha okkazjoni tosserva l-komportament ta’ Redeemer Vella, li ghandu sittax-il sena, meta kien qieghed jixhed quddiemha u m’hemmx dubju li huwa ghandu *“a mind of his own”*, u li r-rifjut ghall-access ma kinitx decizjoni ta’ l-appellanti ommu izda tieghu biss. M’hemmx dubju li, konsiderando anke l-istatura u l-ghamla tal-minorenni l-appellanti ma setghetx fizikament iggieghel lil binha jmur jara lil missieru jekk dan kien qieghed jirrifjuta. Anke kieku stess l-appellanti baghtitu – kif jidher li ghamlet, ossia nkoraggietu biex imur – ma kien hemm ebda mod kif tikkostringieh imur sakemm ma ssejjahx ghall-ghajnuna ta’ nies ohra biex jibaghtuh b’forza fizika; li certament mhuwiex l-*optimum* ta’ kif jista’ jigi ezercitat l-access.

**10.** Ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, mhux talli ma jirrizultax li kienet l-appellanti li naqset milli tibghat jew thalli lil Redeemer Vella milli jzur lil missieru Mario Vella, imma addirittura l-appellanti kienet fl-impossibilta` fizika li twettaq l-obbligu taghha li timponi dan fuq binha riluttanti. Il-posizzjoni ta’ Redeemer Vella hi sahansitra riflessa fil-minuta ta’ abbozz ta’ kuntratt redatt mill-avukat tal-missier, fejn qieghed jigi propost li jithalla f’idejn l-istess Redeemer Vella “biex jiddetermina hu meta u jekk iridx jikkomunika, javvicina jew jara lil missieru”. Konsegwentement fic-cirkostanzi jidher li l-imputazzjoni kontravenzjonali dedotta kontra l-appellanti ma tirrizultax pruvata.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------